# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 32**

**Citaz. Nru. 373/98GV**

**Doc. Nru. 3-01**

**Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Grezzju Abela abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Grezzju Abela**

**vs**

**Brian Barbara**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi waqt li Fabio Caligari kien qieghed isuq il-vettura tal-assigurat tas-socjeta' attrici, tal-marka Seat Marbella bin-numru LAG 541, f'Marsascala Road, Zabbar, fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Novembru, 1997 f'nofsinhar huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Honda Civic bin-numru HAL 793 u b'risultat ta' dan l-incident l-attur Grezzju Abela sofra danni ammontanti ghal Lm2,500 (elfejn u hames mitt liri Maltin) in vista tal-fatt illi l-vettura kienet 'beyond econimical repair' u l-attur hallas is-somma ta' Lm150 (mija u hamsin liri Maltin) bhala 'excess'.

Premess illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Premess illi s-socjeta’ attrici abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni li ghandha mal-assigurat taghha ikkompensatu ghall-valur tal-vettura tieghu u ghalhekk hija surrogata fid-drittijiet tieghu abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi u inoltre hallset is-somma ta’ Lm3.00 (tlett liri Maltin) ghall-RAR u Lm10.00 (ghaxar liri Maltin) ghas-survey report.

Premess illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-atturi tad-danni minnhom sofferti, dan m’ghamel assolutament xejn u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita ghall-istess.

Is-socjeta’ attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;

2. tillikwida d-danni totali fis-somma ta’ Lm2,663.00 (elfejn, sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin); kwantu ghal Lm2,500 (elfejn u hames mitt lira Maltin) bhala valur tal-vettura, kwantu ghal Lm10.00 (ghaxar liri Maltin) ghas-survey report u kwantu ghal Lm3.00 (tlett liri Maltin) ghar-Road Accident Report sofferti mis-socjeta’ attrici, u kwantu ghal Lm150 (mija u hamsin liri Maltin) bhala ‘excess’ sofferti mill-attur l-iehor - jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi; u

3. tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici u lill-attur l-iehor is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' Lm10 (ghaxar liri Maltin) ghall-konsult u l-ittra legali tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru, 1997 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 12 fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet ta' l-attur nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident ma sehhx minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-esponenti kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-nota a fol 47;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li dina l-kollizzjoni grat tort tal-konvenut;
tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM 2663 u tikkundanna lill-konvenut ihallas dana l-ammont.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li l-incident ma garax tort tieghu.

**PROVI**

Skond il-**Brief Description of Accident fir-Road Accident Report** fol 6: Car HAL793 was proceeding from Zabbar towards M'Scala at a normal rate of speed when it lost control due to the great amount of water at that time on the road and dashed into car LAG541 which was coming from the opposite direction (ara fol 48 u okkorrenza a fol 45).

**Ps 132 Joseph Camilleri** fil-Qorti kkonferma l-versjoni li kienu tawh iz-zewg sewwieqa u esebixxa l-iskizz u okkorrenza.

**Grezzju Abela** ipprezenta affidavit fejn stqarr li Fabio Caligari kien qed isuq il-vettura Seat Marbella u dana habat ma' karozza Honda Civic misjuqa mill-konvenut. Il-karozza kienet inxurjata comprehensive mas-socjeta' attrici u dawn hallsu Lm2,500 (elfejn u hames mitt lira Maltin) tal-vettura billi dina kienet giet dikjarata total loss. Hu hallas excess ta' Lm150 (mija u hamsin liri Maltin) biex ghamel il-claim.

**Fabio Caligari** xehed li kien qed isuq il-karozza Seat ghal habta ta' nofsinhar. Kien ghaddej minn Marsascala Road, sejjer lejn Zabbar. Qabel ma gara l-incident kienet niezla x-xita rxiex. Kien ghaddej b'xi 30/35 kilometru fis-siegha fuq in-naha tax-xellug tieghu. Giet il-karozza misjuqa mill-konvenut mid-direzzjoni opposta bi speed qawwi. Il-karozza tieghu bdiet gejja lejn nofs it-triq u hu pprova jersaq lejn tarf it-triq. Il-karozza l-ohra baqghet gejja fid-direzzjoni tieghu ghal go fih u laqtitu fuq quddiem. Hi baqghet gejja bl-istess velocita' qawwija ghal go fih. Bid-daqqa ntilef minn sensih.

**Il-konvenut** xehed li kien niezel minn Haz Zabbar lejn Wied il-Ghajn. Kienet ix-xita u kien hemm hafna ilma fit-triq u kif gie biex jikser il-kantuniera tilef il-kontrol u baqa' diehel fil-karozza l-ohra. Kien ghaddej bil-erbghin (40) mil fis-siegha. Hu kien qed isuq il-karozza taz-ziju tieghu li dan kien silef lil missieru.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Fil-kaz in ezami l-incident gara fuq in-naha tat-triq tas-sewwieq assikurat ma' l-atturi u l-karozza ta' Abela giet total loss. Il-hsarat fuq iz-zewg karozzi kienu kbar. Caligari xehed li l-konvenut baqa' sejjer fuqu wrong side bi speed qawwi hafna.

Accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba negligenza ta' parti milli ghal kawza ohra. F'kazi simili ssehh it-teorija tar-res ipsa loquitur, li b'effett taghha taqa' fuq dik il-parti l-piz tal-prova biex juri illi f'dak li gara huwa ma kellux tort. (App.Krim. Pul vs N. Farrugia Vol 33 p4 p 968).

Il-velocita' li biha tkun miexja karozza u r-relazzjoni mal-brakemarks hija wahda mill-fatturi f'materja ta' kollizzjoni ta' karozzi li jikkostitwixxu l-element probatorju tar-res ipsa loquitur. Fattur iehor huwa l-parti tal-karozza fejn kull wahda minnhom li jkunu nvoluti fil-kollizjoni sofriet il-hsara. (App Krim Pul vs G.Felice Vol Xl p 1187).

Huwa veru li l-htija ghandha tigi pruvata, izda jkun hemm kazi fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija b'mod li min ikun ipprova dawn il-fatti ghandu jiftiehem li pprova anki l-htija, u allura jkun dmir ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija f'li gara. (Ara Vol XL11 p1 p 15).

F'kazijiet inglizi gie stabilit li: "Pullling up suddenly and violently is prima facie evidence of negligence". Mars v Glasgow Corporation (1940). "Where a motor van gets on to a pavement intended for foot passengers and injures persons

standing there, these facts, in the absence of explanation, constitute evidence of negligence." Ellor vs Selfridge (1930).

Il-konvenut xehed li kienet ix-xita u kien hemm hafna ilma fit-triq u kif gie biex jikser il-kantuniera tilef il-kontrol u baqa’ diehel fil-karozza l-ohra. Kien ghaddej bil-erbghin mil fis-siegha (40 mfs).

Gie ritenut mill-Qrati taghna li f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabilita' nonostante l-skid. Jekk ma tirrizultax, allura l-skid hija defence, ghax tkun inevitable accident. Ghaldaqstant biex d-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-skid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-skid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. (Pul vs C.Cachia Vol 37 p4 p 920).

Gie wkoll ritenut in subjecta materia li meta tissuccedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-vetturi tkun skiddjat id-driver tal-karozza jkun responsabbili jekk ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbili jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid. (Vol 37 p4 p873)
Fil-kaz in ezami l-konvenut kien ghaddej bi speed eccessiv. Hu jammetti li kien ghaddej b’erbghin mil fis-siegha (40 mfs) meta kien jaf li kienet ix-xita u kien qed jimmanuvra kantuniera. Ghalhekk is-sewqan tieghu ma kienx prudenti fic-cirkostanzi. Izda skond Caligari l-konvenut kien ghaddej b’velocita’ qawwija, u d-danni kagjonati u kif spiccaw bicciet mill-karozza imxerdin, huma kollha indikativi ta’ speed eccedenti l-erbghin mil fis-siegha (40 mfs).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara unikament tort tal-konvenut.

**Likwidazzjoni tad-danni**

William Cassar Torreggiani inkarigat mill-atturi kien ezamina l-karozza Seat u kien iddikjaraha bhala beyond economic repair (ara Dok B a fol 8 u 27) u giet stmata bhala li kellha pre accident valur ta' Lm2,700 (elfejn u seba' mitt lira Maltin) u wreck value Lm150 (mija u hamsin liri Maltin).

Salvino Zammit ikkonferma li l-atturi kienu hallsu lil Grezzju Abela s-somma ta' Lm2,700 (elfejn u seba' mitt lira Maltin) u kienu gabru Lm200 (mitejn lira Maltin) bhala wreck value. Hallsu Lm3 (tlett liri Maltin) Road Accident Report u Lm10 (ghaxar liri Maltin) Survey Report. Huma qed jitolbu s-somma ta' Lm2,513 (elfejn, hames mija u tlettax il-lira Maltin).

L-attur Abela qed jitlob is-somma ta' Lm150 (mija u hamsin liri Maltin) li hallas bhala excess (ara Dok fol 34/5).

L-ammont totali mitlub mill-atturi huwa ta' Lm2,663 (elfejn, sitt mija u tlieta u sittin liri Maltin.

Dana l-ammont ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li dina l-kollizzjoni grat tort tal-konvenut; tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm2,663 (elfejn, sitt mija u tlieta u sittin liri Maltin); u tikkundanna lill-konvenut ihallas dana l-ammont, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**